DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/141/KE

tat-23 ta' Novembru 2009

li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi tal-arseniku, it-teobromina, id-*Datura* sp., ir-*Ricinus communis L.*, il-*Croton tiglium L.* u l-*Abrus precatorius L.*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipola li l-użu ta' prodotti li huma intenzjonati għall-għalf għall-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livelli massimi stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva huwa pprojbit.

(2) Fir-rigward ta' prodotti tal-għalf li jkunu ġejjin mill-ipproċessar tal-ħut jew minn annimali oħrajn tal-baħar, informazzjoni reċenti mwassla minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar il-preżenza tat-total ta' arseniku (is-somma ta' arseniku organiku u inorganiku) tindika li hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-livelli massimi tat-total ta' arseniku. Prodotti sekondarji mill-industrija tal-iffilittjar tal-ħut huma materja prima importanti għall-produzzjoni tal-għalf tal-ħut u taż-żejt tal-ħut għall-użu fl-għalf imħallat, partikolarment l-għalf tal-ħut.

(3) Iż-żieda fil-livelli massimi tat-total ta' arseniku fil-prodotti tal-għalf li jkunu ġejjin mill-ipproċessar tal-ħut u ta' annimali oħrajn tal-baħar u fil-prodotti tal-għalf għall-ħut ma timplika ebda bidla fil-livelli massimi ta' arseniku inorganiku. Minħabba li l-effetti potenzjali mhux mixtieqa tal-arseniku fuq saħħet l-annimali u saħħet il-bniedem huma stabbiliti mill-frazzjoni inorganika f'għalf jew fi prodotti tal-ikel partikolari, u minħabba li t-taħlitiet tal-arseniku organiku jimmanifestaw potenzjal tossiku tabilħaqq baxx [2], il-livelli miżjuda tat-total ta' arseniku ma jaffettwawx il-ħarsien tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika.

(4) Fl-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE, l-arseniku jirreferi għat-total ta' arseniku għall-fini li jiġu stabbiliti l-livelli massimi minħabba li ma jeżisti ebda metodu ta' rutina standard għall-analiżi tal-arsemiku inorganiku. Iżda għall-każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti jitolbu analiżi tal-kontenut tal-arseniku organiku, dak l-Anness jistabbilixxi livell massimu ta' arseniku inorganiku.

(5) Minħabba li f'xi każijiet il-metodu ta' estrazzjoni għandu influwenza sinifikanti fuq ir-riżultat analitiku tat-total ta' arseniku, huwa f'loku li tiġi speċifikata proċedura ta' estrazzjoni għal referenza sabiex tintuża f'verifiki uffiċjali.

(6) L-informazzjoni mwassla mill-awtoritajiet kompetenti u minn organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati tindika livelli sinifikanti ta' arseniku fl-addittivi li jappartjenu għall-grupp funzjonali ta' taħlitiet ta' elementi ta' traċċa, awtorizzati bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]. Huwa f'loku li jiġu stabbiliti l-livelli massimi ta' arseniku f'dawn l-addittivi biex titħares is-saħħa tal-annimali u dik pubblika.

(7) Fir-rigward tat-teobromina, fl-opinjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju 2008 [4] l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) ikkonkludiet li jista' jagħti l-każ li l-livelli massimi ta' teobromina kif stabbiliti fil-preżent mhumiex iħarsu għal kollox lil xi whud mill-ispeċi tal-annimali. L-Awtorità ġibdet l-attenzjoni dwar il-possibbiltà ta' effetti mhux mixtieqa fuq il-ħnieżer, il-klieb u ż-żwiemel, u dwar il-produzzjoni tal-ħalib fil-baqar tal-ħlib. Għaldaqstant huwa f'loku li jiġu stabbiliti livelli massimi aktar baxxi.

(8) Fir-rigward tal-alcaloids fid-*Datura* sp., fl-opinjoni tagħha tad-9 ta' April 2008 [5] l-EFSA kkonkludiet li, minħabba li l-alcaloids tropani huma preżenti fid-*Datura sp.* kollha, ikun f'loku li fl-interess tal-ħarsien ta' saħħet l-annimali, speċjalment fil-każ tal-ħnieżer, jiġu estiżi l-livelli massimi tad-*Datura stramonium L.*, kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE, għad-*Datura sp* kollha.

[1] ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

[2] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (l-EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, b'rabta mal-arseniku bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali, *The EFSA Journal* (2005) 180, 1-35.

[3] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

[4] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riċin (mir-*Ricinus communis*) bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. *The EFSA Journal* (2008) 725, 1-66.

[5] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea relatata mal-alcaloids (mid-*Datura sp.*) bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. *The EFSA Journal* (2008) 691, 1-55.

(9) Fir-rigward tar-ricin (mir-*Ricinus communis L.*), fl-opinjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju 2008 [1] l-EFSA kkonkludiet li, minħabba l-effetti tossiċi simili tat-tossiċi mir-*Ricinus communis L.* (ricin), il-*Croton tiglium L.* (crotin) u l-*Abrus precatorius L.* (abrin), huwa f'loku li għar-*Ricinus communis L.* jiġu applikati l-livelli massimi kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE, anki għall-*Croton tiglium L.* u l-*Abrus precatorius L.*, separatament jew inkella flimkien.

(10) Id-Direttiva 2002/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2010. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riċin (mir-*Ricinus communis*) bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. *The EFSA Journal* (2008) 726, 1-38.

ANNESS

L-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-Ringiela 1, Arseniku, tinbidel b'li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal oġġett tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"1. Arseniku (*) (**)	Materjali tal-għalf bl-eċċezzjoni ta':	2
	— l-għalf magħmul mill-ħaxix, minn xnien imnixxef u minn silla mnixxfa, u polpa mnixxfa tal-pitravi u polpa mnixxfa tal-ġulepp magħqud tal-pitravi	4
	— iż-żejt li joħroġ mill-qalba tal-palma	4 (***)
	— il-fosfati u l-algi kalkarji tal-baħar	10
	— il-karbonat tal-kalċju	15
	— l-ossidu tal-manjeżju	20
	— il-prodotti tal-għalf li jkunu ġejjin mill-ipproċċessar tal-ħut jew ta' annimali oħrajn tal-baħar, inkluż il-ħut	25 (***)
	— l-għalf mill-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li jkunu ġejjin mill-alka tal-baħar	40 (***)
	Il-partikuli tal-ħadid użati bħala traċċatur fl-għalf.	50
	Addittivi li jagħmlu parti mill-grupp funzjonali ta' taħlitiet tal-elementi ta' traċċa, ħlief:	30
	— il-pentaidrat tas-sulfat tar-ramm u l-karbonat tar-ramm	50
	— l-ossidu taż-żingu, l-ossidu tal-manganiż u l-ossidu tar-ramm.	100
	Prodotti tal-għalf kompluti, ħlief:	2
	— il-prodotti tal-għalf kompluti għall-ħut u prodotti tal-għalf kompluti għall-annimali tal-pil.	10 (***)
	Prodotti tal-għalf komplementari, ħlief:	4
	— il-prodotti tal-għalf minerali.	12

(*) Il-livelli massimi jirreferu għat-total ta' arseniku.

(**) Il-livelli massimi jirreferu għad-determinazzjoni analitika tal-arseniku, fejn l-estrazzjoni ssir fl-aċidu nitriku (5 % w/w) għal 30 minuta f'temperatura tbaqbaq. Proċeduri ta' estrazzjoni ekwivalenti jistgħu jiġu applikati fil-każijiet fejn jintwera li l-proċedura ta' estrazzjoni użata tagħti l-istess effiċjenza ta' estrazzjoni.

(***) Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, l-operatur responsabbli jrid iwettaq analiżi biex juri li l-kontenut tal-arseniku inorganiku huwa anqas minn 2 ppm. Din l-analiżi hija partikolarment importanti għall-ispeċi tal-alka tal-baħar *Hizikia fusiforme*."

(2) Ir-Ringiela 10, Teobromina, tinbidel b'li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"10. teobromina	Prodotti tal-għalf kompluti, ħlief:	300
	— il-prodotti tal-għalf tal-annimali kompluti għall-ħnieżer	200
	— il-prodotti tal-għalf kompluti għall-klieb, fniek, żwiemel u l-annimali bil-pil.	50"

(3) Ir-Ringiela 14, Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u frott mhux miħun u mhux mgħaffeġ li fihom l-alcaloids, il-glucosides jew sustanzi tossiċi oħra, qed tinbidel b'dan li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"14. Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u frott mhux miħun u mhux mgħaffeġ li fih l-alcaloids, il-glucosides jew sustanzi tossiċi oħra, separatament jew inkella flimkien, inkluża d-	Il-prodotti tal-għalf kollha tal-annimali	3 000
Datura sp.		1 000"

(4) Ir-Ringiela 15, Il-pjanta ta' żejt ir-riġnu – *Ricinus communis* L., tinbidel b'li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"15. Iż-żerriegħa u l-ħlief mir-*Ricinus communis* L., il-*Croton tiglium* L. u l-*Abrus precatorius* L. kif ukoll id-derivattivi pproċessati tagħhom (****), separatament jew inkella flimkien.	Il-prodotti tal-għalf tal-annimali kollha	10

(****) Kemm-il darba wieħed ikun jista' jiddetermina dan permezz tal-mikroskopija analitika."

(5) Ir-Ringiela 34, Krotonu – *Croton tiglium* L, tiħassar.